Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2025/2014(INI)

20.3.2025

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall- Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fid-dawl tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli 2025
(2025/2014(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mathilde Androuët

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jippreżenta lill-Kumitat għall-Iżvilupp u lill-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-ommijiet waħedhom qed jiffaċċjaw rata tal-faqar ogħla b'mod sinifikanti fl-Unjoni Ewropea, b'22 % tat-tfal li kienu qed jgħixu f'familji b'ġenitur wieħed, immexxija minn missierhom, f'sitwazzjoni ta' faqar fl-2018, meta mqabbla ma' 45 % tat-tfal li kienu qed jgħixu f'familji b'ġenitur wieħed flimkien ma' ommhom; billi d-differenzi fil-pagi u n-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg jaffettwaw b'mod partikolari lil din il-kategorija tal-popolazzjoni, li jillimitaw l-aċċess tagħhom għal servizzi essenzjali, inklużi l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni;

Or. fr

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi n-nisa jirrappreżentaw bejn 52 % u 66 % tal-persuni li jindokraw b'mod informali, u jiddedikaw medja ta' 17-il siegħa fil-ġimgħa għal dawn l-attivitajiet, filwaqt li madwar 90 % tal-persuni li jindokraw b'mod formali huma nisa fl-Unjoni Ewropea; billi l-persuni li jindokraw spiss jieqfu jirċievu salarju minħabba ż-żmien li jqattgħu jieħdu ħsieb qraba morda jew dipendenti u din is-

sitwazzjoni twassal għal qagħda aktar prekarja u għal aċċess limitat għall-benefiċċji soċjali u għad-drittijiet għall-pensjoni;

Or. fr

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi n-nisa li jgħixu fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer tal-Unjoni Ewropea huma b'mod partikolari vulnerabbli minħabba aċċess limitat għall-kura tas-saħħa, l-ilma tajjeb għax-xorb, l-edukazzjoni u s-servizzi bażiċi, u b'hekk jiġu aggravati l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi u jiġu limitati l-opportunitajiet ta' impjieg tagħhom;

Or. fr

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa għadha realtà persistenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, speċjalment f'setturi ddominati min-nisa bħall-kura, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, u dan ixekkel l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa u l-opportunitajiet indaqs; billi l-integrazzjoni tal-ommijiet fid-dinja tax-xogħol tibqa' sfida importanti u t-taħriġ, kemm jekk kontinwu kif ukoll ta' darba, jista' jgħin biex tittaffa din l-isfida;

Or. fr

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ae (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ae. billi r-rati tal-qgħad u tas-sottoimpjieg tan-nisa għadhom għoljin f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari minħabba aċċess insuffiċjenti għas-servizzi għall-indukrar tat-tfal u nuqqas ta' flessibbiltà fis-suq tax-xogħol li tippermetti rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u familja;

Or. fr

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Af (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Af. billi l-kuntesti tal-migrazzjoni jesponu aktar lin-nisa għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza sesswali; billi, pereżempju, 90 % tan-nisa migranti li jaqbdu r-rotta tal-Mediterran huma vittmi ta' stupru minn faċilitaturi ta' dħul klandestin jew migranti oħra, skont l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati[1a];

[1a] ***Sors: Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), Mixed Migration Centre (iċ-Ċentru tal-Migrazzjoni Mhallta – MMC), Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR): "On This Journey, No One Cares if You Live or Die: Abuse, Protection and Justice along Routes between East and West Africa and Africa's Mediterranean Coast" (Ħadd ma jimportah jekk tgħix jew tmut f'dan il-***

vjaġġ: Abbuż, protezzjoni u ġustizzja tul rotot mill-Afrika tal-Lvant u tal-Punent sal-kosta Mediterranja tal-Afrika) – Volum 2, IOM, MMC, UNHCR, Ġinevra, 2024, news.un.org/fr/story/2024/11/1150996.

Or. fr

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ag (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ag. billi l-faqar jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa, speċjalment lill-ommijiet waħedhom, li jaggrava l-vulnerabbiltà ekonomika u soċjali tagħhom fid-dawl tal-kriżijiet tal-enerġija;

Or. fr

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ah (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ah. billi l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, deċenti u sikura huwa parti integrali mit-tielet Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) tan-Nazzjonijiet Uniti "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età" u sfortunatament dan għadu sfida ewlenija għan-nisa b'introjtu baxx fl-Unjoni Ewropea;

Or. fr

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li t-tmexxija tal-UE fl-implimentazzjoni globali tal-SDGs tibqa' kruċjali, speċjalment fid-dawl tad-diversi sfidi ġeopolitiċi u kriżijiet li għaddejjin bħalissa;	4. Jenfasizza li t-tmexxija tal-UE fl-implimentazzjoni globali tal-SDGs tibqa' kruċjali, speċjalment fid-dawl tad-diversi sfidi ġeopolitiċi u kriżijiet li għaddejjin bħalissa; ***jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tal-UE favur il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontrihom; jenfasizza l-importanza għall-Unjoni Ewropea li tmexxi bl-eżempju billi twaqqaf kwalunkwe għajnuna jew finanzjament lil pajjiż terz li jadotta jew iżomm liġijiet u prattiki diskriminatorji jew vjolenti kontra n-nisa;***

Or. fr

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) iwissi li n-nisa affettwati minn interruzzjonijiet fil-karriera, b'mod partikolari minħabba r-responsabbiltajiet tal-familja, huma b'mod partikolari f'riskju ta' prekarjetà, u dan jista' jwassalhom biex ma jirrikorrux għall-kura medika; jistieden lill-Istati Membri jqisu dawn l-interruzzjonijiet fil-karriera fis-sistemi tagħhom tal-protezzjoni soċjali u tal-assigurazzjoni tas-saħħa;

Or. fr

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) jiddispjaċih dwar l-inugwaljanzi kbar fl-aċċess għall-kura u s-servizzi tas-saħħa fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer tal-Unjoni, fejn in-nisa huma b'mod partikolari esposti għall-prekarjetà medika; jappella għal aktar investiment fl-infrastruttura tal-isptarijiet u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa f'dawn it-territorji;

Or. fr

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) jenfasizza li l-ommijiet waħedhom jiffaċċjaw sfidi kbar f'termini ta' saħħa u aċċess għall-kura, b'mod partikolari minħabba l-prekarjetà ekonomika u n-nuqqas ta' kopertura medika suffiċjenti f'xi Stati Membri; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa għall-familji b'ġenitur wieħed, b'mod partikolari għan-nisa f'qagħda vulnerabbli;

Or. fr

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) jenfasizza li n-nisa f'impjiegi prekarji jew b'introjti baxxi jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw kura ta' kwalità, b'mod partikolari fir-rigward tas-saħħa ġinekoloġika; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw servizzi tas-saħħa

	aċċessibbli, inkluż permezz ta' politiki li jissussidjaw is-servizzi ta' kura essenzjali;

Or. fr

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7 – punt 3 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3) ifakkar li l-irġiel u n-nisa għandhom ħtiġijiet speċifiċi f'dak li jikkonċerna saħħithom, liema ħtiġijiet għandhom jitqiesu fil-politiki tas-saħħa;

Or. fr

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jitlob li d-dritt universali għal ambjent b'saħħtu jiżdied mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u li jiġi stabbilit qafas legalment vinkolanti;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza li ambjent sigur huwa element essenzjali biex jiġu żgurati saħħa tajba u benesseri; jiddispjaċih li n-nisa

Ewropej jeħtiġilhom iħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-insigurtà fl-ispazji pubbliċi, li tikkostitwixxi rigressjoni fir-rigward tal-kisba tal-SDG 3;

Or. fr

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jappella għal azzjoni aċċellerata u mmirata biex tintemm kull forma ta' vjolenza u fastidju kontra n-nisa, il-bniet u l-persuni LGBTIQ+, inkluża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u biex jintemmu prattiki dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal u l-mutilazzjoni ġenitali femminili;	9. Jappella għal azzjoni aċċellerata, immirata u speċifika għall-gruppi kkonċernati biex tintemm kull forma ta' vjolenza u fastidju kontra n-nisa, il-bniet u l-persuni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom, inkluża l-vjolenza domestika, sesswali, fiżika, psikoloġika, verbali u ekonomika, il-fastidju fuq il-post tax-xogħol, u l-vjolenza f'sitwazzjonijiet ta' gwerra u ta' kunflitt, u biex jintemmu prattiki dannużi bħat-traffikar tal-bnedmin, iż-żwiġijiet bikrija u furzati, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, l-abort furzat, l-abort selettiv skont is-sess tal-bniet jew saħansitra l-isfruttament riproduttiv tan-nisa bħall-maternità surrogata[1a];

[1a] ***Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2024 lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għad-69 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa: https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-10-2024-0075_MT.pdf***

Or. fr

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li jitkompla l-finanzjament għal programmi li jiffukaw fuq il-promozzjoni tal-emanċipazzjoni tan-nisa u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li 85 % tal-azzjonijiet esterni l-ġodda kollha jinkorporaw il-ġeneru bħala objettiv sinifikanti jew prinċipali u li 20 % tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp f'kull pajjiż tiġi allokata għal programmi li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala wieħed mill-objettivi prinċipali tagħhom;	10. Jitlob li jitkompla l-finanzjament għal programmi li jiffukaw fuq il-promozzjoni tal-emanċipazzjoni tan-nisa u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-azzjonijiet esterni l-ġodda kollha jinkorporaw ir-rispett u d-dinjità tal-ġeneri bħala objettiv sinifikanti jew prinċipali u li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tkun kriterju neċessarju u fundamentali tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp f'kull pajjiż;

Or. fr

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) jenfasizza li l-ommijiet waħedhom, li jirrappreżentaw sehem sinifikanti ta' familji b'ġenitur wieħed fl-Ewropa, huma b'mod partikolari vulnerabbli għall-prekarjetà ekonomika u d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-iskemi ta' appoġġ għall-impjieg u t-taħriġ għal dawn in-nisa sabiex tiġi żgurata l-awtonomija ekonomika tagħhom;

Or. fr

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

(2) jinnota li l-persuni li jindokraw il-familja, li huma fil-maġġoranza tagħhom nisa, iqattgħu medja ta' 22 siegħa fil-ġimgħa jieħdu ħsieb qarib jew qariba mingħajr kumpens finanzjarju adegwat, li għandu impatt sinifikanti fuq l-indipendenza ekonomika u l-karriera tagħhom;

Or. fr

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 – punt 3 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3) jiddeplora d-differenzi fl-aċċess għas-servizzi għall-indukrar tat-tfal u għas-servizzi tas-saħħa bejn ir-reġjuni Ewropej differenti; jappella għal azzjoni koordinata sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali ġenwin għas-servizzi bażiċi għan-nisa kollha, irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom;

Or. fr

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 – punt 4 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(4) jenfasizza li d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fl-Unjoni tibqa' medja ta' 13 % u taqbeż l-20 % f'ċerti setturi, bħas-settur tas-saħħa u s-settur soċjali;

Or. fr

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 – punt 5 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5) jinsisti li l-interruzzjonijiet fil-karriera tan-nisa minħabba r-responsabbiltajiet tal-familja jwasslu għal telf fit-tul ta' introjtu u defiċit fil-pensjoni tal-irtirar li jista' jilħaq medja ta' 30 %;

Or. fr

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 – punt 6 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(6) jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u kontinwu għall-ommijiet, b'mod partikolari għall-ommijiet waħedhom, sabiex ikunu jistgħu jiksbu ħiliet ġodda u jtejbu l-kapaċità għall-impjieg tagħhom; jenfasizza l-importanza ta' skemi ta' taħriġ flessibbli, li jinkludu soluzzjonijiet għall-indukrar tat-tfal u t-taħriġ online, sabiex jitqiesu r-restrizzjonijiet tal-ommijiet f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg;

Or. fr

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv	13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv

u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;	u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, dment li l-benefiċjarji jirrikonoxxu u jirrispettaw id-dinjità ugwali bejn in-nisa u l-irġiel;
	Or. fr

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jesprimi tħassib li t-tkabbir ekonomiku f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għadu għaddej b'ritmu baxx u irregolari, spiss imfixkel minn dgħufijiet strutturali, inugwaljanzi ekonomiċi, instabbiltà politika u xokkijiet esterni;	14. Jesprimi tħassib li t-tkabbir ekonomiku f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għadu għaddej b'ritmu baxx u irregolari, spiss imfixkel minn dgħufijiet strutturali, inugwaljanzi ekonomiċi, instabbiltà politika u xokkijiet esterni; ***jenfasizza li r-rata ta' impjieg tal-ommijiet waħedhom hija 10 punti anqas mill-medja tan-nisa li jaħdmu fl-Unjoni, minħabba n-nuqqas ta' soluzzjonijiet ta' indukrar u n-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg; jappella lill-Istati Membri jistabbilixxu politiki speċifiċi biex jippromwovu l-aċċess għall-impjieg u ż-żamma tagħhom fl-impjieg, inkluż permezz ta' inċentivi fiskali u skemi ta' taħriġ xierqa;***
	Or. fr

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni	15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni

u fl-iżvilupp tal-ħiliet;	u fl-iżvilupp tal-ħiliet fl-Istati Membri;

Or. fr

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) iħeġġeġ iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-setturi teknoloġiċi u xjentifiċi, li bħalissa jirrappreżentaw 17 % biss tal-impjiegi fl-inġinerija u l-informatika;

Or. fr

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) jinsisti fuq il-fatt li 80 % tal-persuni li jindokraw il-familja fl-Ewropa huma nisa u li l-piż tal-kura tagħhom jaffettwa direttament il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, b'rata ta' impjieg imnaqqsa u telf fit-tul ta' introjtu; jitlob ir-rikonoxximent uffiċjali tax-xogħol tal-persuni li jindokraw u l-introduzzjoni ta' liv imħallas u ta' drittijiet soċjali speċifiċi;

Or. fr

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – punt 3 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	(3) jenfasizza li n-nisa li jgħixu fir-reġjuni ultraperiferiċi u insulari jiffaċċjaw qgħad strutturali għoli u żieda fin-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-iskemi ta' appoġġ għall-intraprenditorija tan-nisa u jtejbu l-aċċess għall-finanzjament għal proġetti mmexxija min-nisa f'dawn ir-reġjuni;

Or. fr

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – punt 4 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(4) jiddispjaċih li fiż-żminijiet tal-lum in-nisa jiffaċċjaw aktar sfidi mill-irġiel sabiex jaċċessaw self u finanzjament biex jibdew in-negozju tagħhom, minkejja l-fatt li l-kumpaniji mmexxija min-nisa għandhom rati ta' suċċess simili jew saħansitra ogħla; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej jistabbilixxu fondi ta' garanzija u miżuri speċifiċi ta' appoġġ għall-intraprenditorija tan-nisa;

Or. fr

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali;	16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew tal-protezzjoni ambjentali;

Or. fr

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. jinkwieta dwar il-fatt li l-politiki ambjentali tal-Unjoni Ewropea jaffettwaw l-ekonomija b'mod negattiv u b'hekk il-qagħda ekonomika tan-nisa, li huma aktar vulnerabbli għall-kriżijiet ekonomiċi;

Or. fr

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA;	21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti u li jiġi żgurat li l-programmi impenjati fl-ambitu tal-ODA jirrispettaw u jippromwovu d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll l-interessi Ewropej;

Or. fr

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ; ***jitlob li l-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali u s-sħubijiet strateġiċi jinkludu b'mod sistematiku komponent dwar id-dħul tan-nisa fl-impjieg, speċjalment f'setturi tal-futur bħat-teknoloġiji ekoloġiċi, is-settur diġitali u l-industrija, sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fit-tranżizzjoni ekonomika globali;***
	Or. fr

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) jiddispjaċih li l-programmi ta' finanzjament Ewropej li jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku ma jqisux biżżejjed il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa, u b'mod partikolari tal-ommijiet, f'termini ta' aċċess għall-impjieg;
	Or. fr

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) jinsisti fuq il-ħtieġa li l-finanzjamenti tal-Unjoni għal proġetti internazzjonali jkunu dipendenti fuq ir-rispett tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-aċċess għall-opportunitajiet ekonomiċi;

Or. fr

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22 – punt 3 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3) ifakkar li n-nisa fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer tal-Unjoni jiffaċċjaw aktar diffikultajiet biex jaċċessaw it-taħriġ vokazzjonali u l-iskemi ta' appoġġ għall-impjieg; jitlob li l-fondi ta' koeżjoni u l-programmi ta' żvilupp jinkludu miżuri speċifiċi msaħħa biex jindirizzaw dawn l-inugwaljanzi territorjali;

Or. fr

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22 – punt 4 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(4) iħeġġeġ l-iżvilupp ta' programmi ta' mentoraġġ u ta' taħriġ għan-nisa f'setturi b'valur miżjud għoli, b'mod partikolari fi shubija ma' negozji privati u organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex titnaqqas id-differenza fir-rappreżentanza bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet strateġiċi u ta' tmexxija;

Or. fr

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22 – punt 5 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5) ifakkar li 30 % biss tal-intraprendituri fl-Unjoni Ewropea huma nisa u li l-aċċess tagħhom għall-finanzjamenti għadu limitat meta mqabbel mal-ekwivalenti rġiel tagħhom, filwaqt li l-intraprenditorija tista' tkun opportunità għan-nisa biex jirrikonċiljaw il-ħajja tax-xogħol u l-familja; jitlob li jinħoloq fond Ewropew speċifiku għall-intraprenditorija tan-nisa, li jiżgura kundizzjonijiet ta' finanzjament xierqa u appoġġ speċifiku;

Or. fr

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat mal-SDGs u mal-Ftehim ta' Pariġi; jappella biex il-Parlament ikun aktar involut fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;	24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inklużi l-programmi Global Gateway, jiġi allinjat mal-SDGs u mal-Ftehim ta' Pariġi, dment li jiġi rrispettat il-kriterju fundamentali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jappella biex il-Parlament ikun aktar involut fl-iskrutinju tal-programmi Global Gateway;

Or. fr

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li	26. Itenni li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li

jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom;	jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom; ***jitlob li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ssir kriterju essenzjali u obbligatorju għall-allokazzjoni tal-fondi Ewropej għall-pajjiżi terzi; jinsisti li kwalunkwe finanzjament Ewropew għandu jkun dipendenti fuq impenji konkreti u verifikabbli sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi ekonomiċi u fl-impjieg bejn il-ġeneri, inklużi miżuri li jippromwovu paga ugwali, l-aċċess tan-nisa għall-edukazzjoni u l-impjieg, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;***
	Or. fr

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) jafferma li l-kisba tal-SDGs tirrikjedi integrazzjoni aħjar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari permezz ta' miżuri li jiżguraw aċċess ġust għal taħriġ kwalifikanti, għal finanzjamenti tal-intraprenditorija u għal impjiegi tal-futur, b'mod partikolari fis-setturi teknoloġiċi u ambjentali;
	Or. fr

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) Jenfasizza li l-politiki Ewropej għandhom jinkludu approċċ speċifiku għall-ommijiet waħedhom, li jħabbtu

wiċċhom ma' rati ogħla ta' faqar u aċċess limitat għal impjieg stabbli; jappella għall-introduzzjoni ta' skemi ta' appoġġ aktar b'saħħithom, li jinkludu appoġġ għall-indukrar tat-tfal u taħriġ imfassal apposta għar-restrizzjonijiet tal-familja;

Or. fr

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – punt 3 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3) ifakkar li t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tista' tirnexxi bis-sħiħ biss jekk tinkludi n-nisa, b'mod partikolari dawk ġejjin mir-reġjuni ultraperiferiċi u mill-gżejjer tal-Unjoni, fejn l-aċċess għall-infrastruttura tat-taħriġ u għall-opportunitajiet ta' impjieg għadu limitat; jinsisti fuq il-ħtieġa ta' investimenti mmirati biex jitnaqqsu dawn l-inugwaljanzi territorjali;

Or. fr

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27 – punt 4 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(4) jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi rikonoxxut aħjar ix-xogħol mhux imħallas tal-persuni li jindokraw, li jaffettwa l-aktar lin-nisa u li jista' jwassal għal qagħda ekonomika prekarja fit-tul, minkejja li huwa xogħol ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi;

Or. fr

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.